# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022**

**Kawża Nru. 1 (Kost.)**

**Rik. Nru. 15/15JRM**

Anġela *sive* Ġina **BALZAN**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM'MINISTRU;** l-Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali; l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat; u Joan Paċe Axiak

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta' Frar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti (i) ssib li l-prinċipji stabbiliti u r-rimedji mogħtijin mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-7 ta'

Diċembru, 2012[1], jgħoddu wkoll dwar l-appartament tagħha bin-numru tnejn (2) li jagħmel minn Blokka "A" mill-korp ta' bini li jġib l-isem ta' "*Saint Julian Court*" fi Triq Manwel Dimech (qabel iġġib l-isem ta' Prince of Wales Road), f'San Ġiljan, għas-snin 2002 sa l-2012, u ssib b'hekk li hija ġarrbet u qiegħda ġġarrab ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġha taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") minħabba t-tħaddim tal-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar[2] u ż-żamma illegali u abbużiva tal-imsemmi appartament mill-intimata Joan Paċe Axiak; (ii) issib li n-nuqqas min-naħa tal-intimati Prim'Ministru u l-Ministru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali li jagħtuha rimedju effettiv ta' kumpens għaċ-ċaħda lilha tat-tgawdija tal-imsemmi ġid tagħha għas-snin mill-2012 'il quddiem, qegħdin jiksru l-jedd tagħha għall-għoti ta' rimedju effettiv kif imħares bl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-jedd ta' sodisfazzjon xieraq taħt l-artikolu 41 tal-istess Konvenzjoni; (iii) issib li n-nuqqas min-naħa tal-intimati Prim'Ministru u l-Ministru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali li jagħtuha rimedju effettiv sabiex tkun tista' tressaq il-pretensjonijiet tagħha għall-kumpens maħsub fl-artikolu 37(1)(b) u (ċ) tal-Kostituzzjoni jew kull rimedju ieħor, qiegħed iġibilha ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni; (iv) issib li l-użu u ż-żamma min-naħa tal-intimata Joan Paċe Axiak tal-appartament imsemmi jew in-nuqqas min-naħa tal-istess intimata li tħallasha kumpens xieraq għat-telf kollu ġà mġarrab u li għad ikun imġarrab minħabba dak l-użu u dik iż-żamma ġabulha ksur tal-jedd tagħha li ma jittiħdulhiex ħwejjiġha bla ma tingħata kumpens xieraq kif imħares bl-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni u l-jedd li tinqeda bi kwietha minn ħwejjiġha, kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u l-jedd tagħha għal sodisfazzjon xieraq taħt l-artikolu 41 tal-istess Konvenzjoni; (v) issib li n-nuqqas min-naħa tal-intimati Prim'Ministru u l-Ministru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali li jersqu għal ftehim li jirregola l-kumpens xieraq li jmissha tingħata għaż-żmien kollu li l-intimata Joan Paċe Axiak se ddum iżżomm l-imsemmi appartament ġabulha ksur tal-jedd tagħha li ma jittiħdulhiex ħwejjiġha bla ma tingħata kumpens xieraq kif imħares bl-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni, u l-jedd li tinqeda bi kwietha minn ħwejjiġha, kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u l-jedd tagħha għal sodisfazzjon xieraq taħt l-artikolu 41 tal-istess Konvenzjoni; (vi) tillikwida l-kumpens li jixirqilha bħala sodisfazzjon xieraq skond l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni dwar l-appartament numru tnejn (2) imsemmi b'seħħ mit-13 ta' Ġunju, 2002, meta għalqet il-konċessjoni enfitewtika temporanja u dan skond il-kejl u r-rimedji mogħtijin mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2012; (vii) tikkundanna lill-intimati Prim'Ministru u

[1] Riferenza għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Anġela sive Ġina Balzan vs Onor. Prim'Ministru et*** (Rik. Nru. 15/08GCD)
[2] Kap 158

l-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, jew lil min minnhom, biex iħallsuha l-kumpens hekk likwidat; u (viii) tagħti dawk ir-rimedji xierqa u effettivi, magħduda fosthom id-dikjarazzjoni li l-artikolu 12A tal-Ordinanza jew xi partijiet minnu ma jiswewx, u għalhekk tordna li l-intimata Joan Paċe Axiak titneħħa mill-appartament imsemmi, u r-riżerva tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin minnha fil-waqt xieraq. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Onorevoli Prim'Ministru, Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u mill-Avukat Ġenerali fis-17 ta' Frar, 2015, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu li l-intimati Prim'Ministru u Ministru għall-Intern u Sigurtà nazzjonali tħarrku għalxejn u jmisshom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, għaliex ladarba r-rikorrenti qiegħda tattakka s-siwi u t-tħaddim tal-artikolu 12A tal-Ordinanza, kien biżżejjed li l-azzjoni titressaq kontra l-Avukat Ġenerali, kif irid l-artikolu 181A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, dwar it-talbiet l-oħrajn tagħha, laqgħu billi qalu li dawk it-talbiet ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex mhumiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt. B'mod partikolari, qalu li r-rikorrenti ma tistax tistrieħ f'din il-kawża fuq proċedimenti li kienet għamlet f'kawża oħra, billi ċ-ċirkostanzi f'dik il-kawża ma kinux l-istess bħal f'din, u li kull kawża għandha storja għaliha. Minbarra dan, f'sentenzi oħrajn li ngħataw wara dik fuq l-istess ħaġa, il-Qorti Kostituzzjonali tbiegħdet minn dak li kienet iddeċidiet fil-kawża li fuqha tistrieħ ir-rikorrenti f'din il-kawża. Saħqu li r-rikorrenti xorta waħda trid tipprova l-ilmenti tagħha u li, safejn l-azzjoni tagħha taħseb għall-għoti ta' rimedju dwar x'jista' jiġri 'l quddiem, din il-Qorti ma tistax tintalab tagħti rimedju dwar dak li mhux magħruf u ma jistax jinbasar. Fir-rigward tat-talbiet li jirrigwardaw ir-rimedju effettiv maħsub fl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-intimati laqgħu billi qalu li dawk it-talbiet huma msejsa fuq premessa ħażina ladarba l-azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali waħedha għandha l-għan li tagħti rimedju effettiv f'każ li tassew joħroġ li kien hemm ksur ta' xi jedd bħal dak, bla ma jiddaħħal l-artikolu 13;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Joan Paċe Axiak fit-2 ta' Marzu, 2015, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li kienet qiegħda twieġeb biss għall-aħħar talba tar-rikorrenti (minħabba li t-talbiet l-oħrajn kollha huma immirati għall-Istat). Dwar dik it-talba, l-intimata qalet li ma hemmx lok li titneħħa mill-post. Hija ma kisret l-ebda liġi u qiegħda żżomm il-post għaliex teħtieġu u għaliex il-liġi tagħtiha dak il-jedd li jkollha saqaf fuq rasha. Żiedet tgħid li t-talbiet tar-rikorrenti jridu jitqiesu fil-qafas tal-permess li l-Istat kien ta lill-awturi tagħha fid-dritt li, minn art agrikola, setgħu jibnuha fi djar fejn wieħed jgħix u li dak il-permess għandu l-valur tiegħu ukoll;

Rat it-Tweġiba ulterjuri mressqa mill-intimata Joan Paċe Axiak (b'permess mogħti lilha b'degriet tal-1 ta' Settembru, 2016[3]), li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalet li ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni u la bħala rappreżentanti tal-Istat taħt il-Kostituzzjoni u lanqas bħala "parti interessata" taħt l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Laqgħet ukoll billi qalet li ngħataw sentenzi li jmorru kontra dak li qalet is-sentenza li fuqha r-rikorrenti sejset l-azzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-ħarsien tal-inkwilin tal-post;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Settembru, 2015[4], li bih u fuq talba maġġmula mir-rikorrenti b'rikors tagħha tal-24 ta' Marzu, 2015, ordnat li kopja tar-rapport peritali mressaq fil-kawża 15/08GCD setgħet titressaq fl-atti ta' din il-kawża u titqies bħala prova;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Novembru, 2015[5], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-intimata Joan Paċe Axiak;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2017[6], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħha tas-7 ta' Jannar, 2017, ħatret lill-Perit Arkitett Alan Saliba biex jagħti l-istejjem tal-appartament kif mitluba f'dak ir-rikors;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert tekniku fl-20 ta' Frar, 2017[7], u minnu maħluf f'idejn id-Deputat Reġistratur fid-19 ta' Mejju, 2017;

Rat in-Nota maħlufa mressqa mill-perit tekniku fis-16 ta' Mejju, 2017[8], bit-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet magħmulin lilu in eskussjoni mill-intimati Prim'Ministru, Ministru u Avukat Ġenerali fin-Nota tagħhom tat-2 ta' Mejju, 2017[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-28 ta' Lulju, 2017[10];

---

[3] Paġ. 200 tal-proċess
[4] Paġ. 106 tal-proċess
[5] Paġ. 173 tal-proċess
[6] Paġ. 217 tal-proċess
[7] Paġġ. 225 sa 231 tal-proċess
[8] Paġġ. 240 – 3 tal-proċess
[9] Dok "AĠ1", f'paġ. 237 tal-proċess
[10] Paġġ. 247 sa 267 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati Onorevoli Prim'Ministru, Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u Avukat Ġenerali fil-31 ta' Lulju, 2017[11], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimata Joan Paċe Axiak fit-23 ta' Ottubru, 2017[12];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti, bħala sidt ta' appartament li jagħmel minn blokka bini li wkoll huwa tagħha, tilmenta li ġarrbet u għadha ġġarrab ksur tal-jeddijiet tagħha għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġha u l-ħarsien mit-teħid ta' ġidha bla ma tingħata kumpens xieraq, u kif ukoll tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, kemm kif imħarsin taħt l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjonu u kif ukoll l-artikoli 6(1), 13, 41 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan l-ilment ġej mill-fatt li, mal-għeluq tal-konċessjoni enfitewtika li għaliha kien suġġett l-imsemmi appartament, dik il-konċessjoni inbidlet f'kirja bit-tħaddim tal-artikolu 12A tal-Ordinanza XIX A tal-1959 li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Ordinanza") favur l-intimata li kienet toqgħod fih bħala r-residenza ordinarja tagħha;

Illi l-intimati kollha laqgħu għall-azzjoni tagħha bi tweġibiet li jolqtu kemm aspetti preliminari u kif ukoll it-talbiet fil-mertu;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti hija sidt blokka ta' bini li ġġib l-isem ta' "*St Julian Court*" li tinsab fi Triq Manwel Dimech (qabel jisimha Prince of Wales Road), f'San Ġiljan. Hija kisbet l-appartament numru tnejn (2) li jagħmel mill-imsemmija blokka bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku ta' donazzjoni tas-7 ta' Ottubru, 1972[13], fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri, mingħand missierha u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. L-appartamenti tal-blokka (flimkien ma' bini ieħor mill-istess binja konsistenti b'kollox f'erba' (4) blokki ta' bini) kienu ngħataw b'titolu ta' enfitewsi temporanja lis-Servizzi Ingliżi għal ħamsa u erbgħin (45) sena b'seħħ mill-14 ta'

[11] Paġġ. 268 sa 287 tal-proċess
[12] Paġġ. 291 – 5 tal-proċess
[13] Dok "A" f'paġġ

Ġunju, 1957, u dan bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-14 ta' Ġunju, 1957[14], fl-atti tan-Nutar Paul Pulliċino;

Illi meta s-Servizzi ingliżi ġew biex jitilqu minn Malta, riedu jerġgħu jgħaddu l-binja lura lill-konċessjonarji direttarji, imma l-Gvern deherlu li l-binja kienet tista' tintuża għall-kiri tal-appartamenti bħala *holiday flats* u b'hekk, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar tal-Gvern tal-5 ta' Diċembru, 1977, il-binja għaddiet b'ċessjoni *gratis* favur il-Gvern ta' Malta. Bis-saħħa ta' att pubbliku tal-1 ta' Settembru, 1978[15], il-Gvern ċeda l-jeddijiet tiegħu fuq l-imsemmija binja favur Holiday Services Company Limited, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra, u għaż-żmien li kien fadal mill-konċessjoni enfitewtika oriġinali;

Illi l-intimata Paċe Axiak u żewġha kisbu s-sub-utli dominju temporanju għaż-żmien li kien fadal ta' tmintax-il (18) sena mill-konċessjoni oriġinali tal-appartament numru tnejn (2) mingħand Holiday Services Company Limited bis-saħħa ta' att pubbliku tat-12 ta' Settembru, 1984[16], fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli, u minn dak iż-żmien l-appartament kien id-dar li fiha ordinarjament jgħixu. Żewġ l-intimata Paċe Axiak miet fl-2008;

Illi l-konċessjoni enfitewtika għalqet fit-13 ta' Ġunju, 2002, u minn dakinhar il-benefikati għaddew lura għand id-direttarji. Minħabba f'hekk, f'Novembru tal-2006, ir-rikorrenti interpellat lill-intimata Paċe Axiak u 'l żewġha b'ittra uffiċjali biex titlobhom iroddulha lura ċ-ċwievet tal-appartament u joħorġu minnu għaliex kienu qegħdin iżommuh bla ebda jedd fil-liġi. Billi l-intimata u żewġha ma ottemperawx irwieħhom mat-talba, ir-rikorrenti fetħitilhom kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tordnalhom joħorġu mill-appartament billi kienu qegħdin iżommuh bla ebda jedd jew titolu;

Illi, ġara li hi u miexja l-imsemmija kawża, f'Awwissu tal-2007 daħlu fis-seħħ bidliet fl-Ordinanza bis-saħħa tal-Att XVIII ta' dik is-sena. Fost dawk il-bidliet, iddaħħal l-artikolu 12A ġdid li jagħti ħarsien lil min kien joqgħod f'dar ta' abitazzjoni suġġetta għal aktar minn enfitewsi waħda. Bis-saħħa ta' dik il-bidla, billi l-intimata u żewġha kienu ċittadini Maltin li joqogħdu fl-appartament bħala r-residenza ordinarja tagħhom, il-konċessjoni sub-enfitewtika nbidlet f'kirja bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Ordinanza. Minkejja li l-konċessjoni kienet ilha li ntemmet minn Ġunju tal-2003, il-bidla fil-liġi[17] kienet saret biex tgħodd ukoll għal dawk li kienu baqgħu jgħixu f'xi dar bħal dik wara l-għeluq tal-konċessjoni u fl-1 ta' Lulju tal-2007;

[14] Dokti. "Ċ" u "Ċ1", f'paġġ. 20 sa 47 u 113 sa 120 tal-proċess
[15] Dok "D", f'paġġ. 48 – 51 tal-proċess
[16] Dok "B" f'paġġ. 16 – 9 tal-proċess
[17] Art. 12A(4) tal-Kap 158

Illi meta r-rikorrenti sabet dan ma' wiċċha, fetħet azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali dwar l-appartament numru wieħed (1) mill-imsemmija binja[18]. B'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru, 2012[19], u għar-raġunijiet hemm imfissra, intlaqa' l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tal-jedd fundamentali tagħha kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u li, fost l-oħrajn, sabet li t-tħaddim fil-każ tagħha tal-artikolu 12A tal-Ordinanza kien ġabilha l-ksur ta' dak il-jedd u ordnat lill-Istat jikkumpensaha fis-somma ta' sittin elf euro (€60,000) flimkien mal-ispejjeż;

Illi bi protest ġudizzjarju mressaq fl-4 ta' Ottubru, 2013[20], ir-rikorrenti interpellat lill-intimat Prim'Ministru biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens xieraq dovut lilha għall-okkupazzjoni tal-appartament numru tnejn (2) mill-intimata Paċe Axiak. Il-protest tressaq ukoll kontra l-intimata Paċe Axiak u kontra l-okkupanti tat-tliet appartamenti l-oħrajn li r-rikorrenti hija sidhom. Il-protestat Prim'Ministru baqa' inadempjenti, u la taha kumpens u lanqas bidel il-liġi[21]. Il-protestati l-oħrajn baqgħu jżommu l-postijiet;

Illi r-rikorrenti fetħet din il-kawża fis-6 ta' Frar, 2015;

Illi l-intimata Joan Paċe Axiak mietet f'Jannar tal-2018, u b'dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tagħha waqt is-smigħ tad-19 ta' April, 2018[22], il-werrieta tagħha kellhom iroddu lura l-pussess ħieles tal-appartament lir-rikorrenti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u> il-Qorti jidhrilha li jixraq li tqis l-ewwel l-eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari li tqajmu mill-intimati. Kemm l-intimat Onorevoli Prim'Ministru, kemm il-Ministru intimat u kif ukoll l-intimata Paċe Axiak qajmu l-eċċezzjoni li tħarrku għalxejn u li ma kinux il-konbtraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi;

Illi dwar **l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati Prim'Ministru u Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali** l-istess intimati jqisu li f'azzjoni bħal dik mibdija mir-rikorrenti, u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi, min-naħa tagħha, ir-rikorrenti tgħid li bl-azzjoni tagħha mhijiex biss qiegħda tilminta minn ksur ta' jeddijiet fundamentali u dikjarazzjoni kontra dispożizzjoni ta' liġi li tikser dawk il-jeddijiet, imma hija wkoll tixli liż-żewġ intimati msemmija b'nuqqasijiet f'għemilhom li, minħabba fihom, kienu huma li

---

[18] Rik. Nru. 15/08GCD
[19] Dok "F", f'paġġ. 55 sa 79 tal-proċess
[20] Dok "Ħ", f'paġġ. 80 – 5 tal-proċess
[21] Fil-fatt, b'bidla li saret bl-Att X tal-2010, iddaħħlu kriterji li taħthom sid il-post seta' jirrifjuta li jġedded il-kirja
[22] Paġ. 299 tal-proċess

ġabulha dak il-ksur. Tgħid li n-nuqqas ta' teħid ta' rimedju miż-żewġ intimati skond kif il-Qorti Kostituzzjonali kienet irrikmandat fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2012, huwa biżżejjed biex iwieġbu għall-ilmenti tagħha b'mod personali u għalhekk huma tabilħaqq kontraditturi leġittimi tal-azzjoni tagħha;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejaltà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-għemejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[23]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi l-kwestjoni tas-sehem li l-Prim Ministru jista' jkollu f'kawżi dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali jidher li mhux minn dejjem kienet mogħtija l-istess tifsira mill-Qrati u l-awturi. Iżda issa jidher li dwar l-imsemmija kwestjoni l-Qorti Kostituzzjonali fl-aħħar żminijiet stabbiliet linja ta' deċiżjonijiet li turi li, wkoll fejn fl-ilment imressaq dwar ksur ta' jedd fundamentali tintalab dikjarazzjoni li dispożizzjoni ta' liġi nnifisha tikser xi jedd fundamentali, f'dak il-każ il-kontradittur leġittimu jkun l-Avukat tal-Istat u mhux il-Prim Ministru[24];

Illi, b'mod partikolari, ingħad li ladarba din hija kawża kontra l-Gvern ta' Malta, u l-uffiċjali li jidhru f'isem il-Gvern ta' Malta f'azzjonijiet ġudizzjarji, irrispettivament min-natura tal-azzjoni, huma dawk u dawk biss imsemmija fl-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, li fosthom ma hemmx il-Prim'Ministru, il-Prim'Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu u ma kellux ikun imħarrek. Il-fatt illi l-Prim Ministru għandu setgħa (u mhux l-obbligu) jagħmel regolamenti taħt l-artikolu 242 tal-imsemmi Kodiċi ma jfissirx li għandu jkun parti fil-kawża. Il-Prim'Ministru għandu dik is-setgħa għax hija vestita fih

[23] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[24] Ara, b'eżempju, Kost. **7.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta***; Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuele Caruana et vs Il-Prim Ministru et***; Kost. **14.12.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Aġius vs Avukat Ġenerali et***; u Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***David Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** fost bosta oħrajn

bil-liġi, u mhux għax ikun parti f'kawża li tkun sabet inkonsistenza mad-drittijiet fundamentali. Tassew illi r-rikorrenti trid ukoll, fost it-talbiet tagħha, dikjarazzjoni dwar "in-nuqqas da parti tal-Onorevoli Prim'Ministru u tal-Onorevoli Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali" li jagħtuha rimedju. Dak ir-rimedju, iżda, qiegħda tfittxu kontra dawn l-intimati safejn jirrappreżentaw lill-Gvern ta' Malta u għalhekk xorta t-talba tagħha tintlaqat mill-imsemmi artikolu 181B tal-Kodiċi. Lanqas ma hu minnu illi ministri huma kapijiet tad-dipartiment jew ministeru li jaqa' taħt ir-responsabilità politika tagħhom; id-distinzjoni bejn ministru u kap ta' dipartiment hija waħda netta: ministru huwa politiku waqt li kap ta' dipartiment huwa amministratur u apolitiku[25];

Illi xieraq jingħad li l-Avukat tal-Istat jitħarrek mhux bħala l-avukat tal-gvern iżda bħala rappreżentant tal-gvern fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 181B;

Illi dak li ngħad dwar l-intimat Prim'Ministru jgħodd ukoll għall-Ministru intimat. Il-Qorti ssib li kien ikun biżżejjed biex ir-rikorrenti tressaq l-azzjoni tagħha bl-ilmenti kollha msemmija kontra l-intimat Avukat tal-Istat;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li din l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija mistħoqqa u sejra tintlaqa' billi teħles lill-intimati Onorevoli Prim'Ministru u lill-Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi **l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-intimata wkoll trid li din il-Qorti ssibha bħala mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. F'dan ir-rigward, l-intimata tgħid li filwaqt li ċittadin jista' jkun imdaħħal f'kawża biex jieħu sehem fl-aħjar interess tal-ġustizzja, ma jista' jkun qatt "intimat" jew "konvenut" fis-sens sħiħ tal-kelma għaliex il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali jaqa' bi dmir fuq l-Istat. Hija tisħaq li qatt ma għamlet xejn li bih setgħet ġabet xi ksur fil-jeddijiet tar-rikorrenti u kulma għamlet kien għaliex il-liġi kienet tagħtiha li tagħmel hekk;

Illi għal din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti tirribatti billi tislet minn għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dan ir-rigward mill-Qorti Kostituzzjonali, b'mod partikolari f'każijiet li jirrigwardaw ilment ta' ksur tal-jeddijiet tas-sidien kemm taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti wkoll issib li din l-eċċezzjoni mhix tajba, safejn biha l-intimata trid li tinħareġ mill-kawża. Kif tfisser għadd ta' drabi f'dan ir-rigward[26], post l-intimata Paċe Axiak f'din il-kawża mhuwiex minħabba li kienet hi li b'xi

---

[25] Kost. **8.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela Balzan vs L-Onor. Prim'Ministru et*** §§ 12 - 5

[26] Ara, b'eżempju, Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Ġenerali et***; Kost. **11.7.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Borġ vs Avukat Ġenerali et***; u Kost. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***David Pulliċino et vs Avukat Ġenerali et*** fost oħrajn

mod wettqet l-ksur tal-jedd pretiż mir-rikorrenti daqskemm il-fatt li hija l-intimata li qiegħda tgawdi minn ġid ir-rikorrent bis-saħħa tal-liġi attakkata. Dan l-istat ta' fatt iqiegħed fuqha interess ta' leġittimazzjoni passiva li tolqotha fil-laħam il-ħaj. L-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali kif imressqa mir-rikorrenti jirrigwardaw it-tħaddim ta' liġi li l-intimata Paċe Axiak bl-ebda mod ma pprovokat. Hija nqdiet bil-ligi bħal ma kellha kull jedd li tagħmel. Iżda, jekk din il-Qorti ssib li, bit-tħaddim ta' liġi bħal dik, ir-rikorrenti ġarrbet jew qiegħda ġġarrab ksur ta' xi jedd tagħha, l-intimata Paċe Axiak ma tistax tgħid li hija ma jimpurtaha xejn jew li mhux se tintlaqat minn dak li jirriżulta;

Illi fis-sewwa, l-kwestjoni ta' min imissu jkun il-kontradittur leġittimu f'azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali llum il-ġurnata jidher li trid titqies ukoll mil-lenti tal-effett li dik l-azzjoni ġġib magħha li kieku l-ilment jintlaqa'. Jibda biex jingħad li n-natura ta' azzjoni, anke dik ta' natura Kostituzzjonali, hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetħet il-kawża. Qari xieraq tar-rikors li bih ir-rikorrenti fetħet din il-kawża ma jħalli l-ebda dubju li hija ssejjes l-azzjoni tagħha fuq il-liġi li tagħti ħarsien lill-kerrej u l-użu li baqa' jsir mill-fond mill-intimata bis-saħħa ta' dik il-liġi. Ir-rikorrenti titlob kemm dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet tagħha, kif ukoll aktar minn rimedju wieħed;

Illi f'każijiet li jolqtu l-jedd ta' tgawdija bil-kwiet tal-ġid jew tal-possedimenti, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, issaħħet il-fehma tal-Qrati li persuna intimata jmissha tibqa' fil-kawża, imqar jekk minħabba l-effetti li s-sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali jista' jkollu fuq il-ġid li jkollha taħt idejha u liema ġid ikun jappartieni lill-parti attriċi. Dan jgħodd ukoll jekk dik il-parti mħarrka ma tkunx hija li ġabet il-ksur tal-jedd ilmentat u mqar jekk dik il-persuna tkun inqdiet minn xi jedd mogħti lilha mil-liġi. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li, jekk kemm-il darba kellha ssib li r-rikorrenti tassew ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha dwar dak il-fond, ir-rimedju jrid jingħata mill-Istat u mhux mill-privat, imma l-intimata ma tistax ma tintlaqatx ukoll bl-għamla ta' rimedju li jista' jingħata;

Illi jista' jiżdied jingħad li ladarba l-ogħla liġi tal-pajjiż innifisha trid illi safejn liġi tkun inkonsistenti magħha tkun bla effett, persuni privati jintlaqtu b'sentenza li tgħid illi liġi hija inkonsistenti għax dik il-liġi, billi issa "bla effett", ma jistgħux jivvantaw drittijiet taħtha. Għalhekk, għalkemm kawża bħal din tal-lum hija kawża kontra l-gvern, persuni privati interessati wkoll għandhom ikunu parti mħarrka fiha kemm biex is-sentenza tagħmel stat kontrihom u kemm biex ikunu jistgħu jħarsu l-interessi tagħhom, biex ma tkunx ingħatat sentenza li tolqot drittijiet tagħhom mingħajr ma huma jkunu ngħataw opportunità li jinstemgħu u bi ksur għalhekk tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. Għalhekk kien sew illi l-intimata Paċe Axiak tħarrket bħala parti f'din il-kawża, mhux bħala l-parti ħatja

għall-ksur – tant hu hekk li ma hijie3x sejra tkun kundannata tħallas xi kumpens jew anke li tħallas l-ispejjeż tal-kawża – iżda biex is-sentenza tagħmel stat kontriha u biex tkun ingħatat kull opportunità li tinstema' f'kawża safejn din setgħet tolqot l-interessi tagħha;

Illi għalhekk, il-Qorti mhix se tilqa' din l-eċċezzjoni għaliex mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis it-**talbiet tar-rikorrenti fil-mertu** u kif ukoll l-**eċċezzjonijiet dwarhom** tal-intimati;

Illi minn qari xieraq tal-atti tal-kawża jidher li l-ilment ewlieni tar-rikorrenti jdur fuq il-ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija bil-kwiet ta' ġidha kif magħruf u aċċettat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta' Diċembru, 2012, liema kawża kienet tirrigwarda l-appartament numru wieħed (1) mill-imsemmija binja li minnha jagħmel l-appartament numru tnejn (2) mertu ta' din il-kawża. F'dik is-sentenza, il-Qorti għarfet li ċ-ċirkostanzi li ġraw minn mindu għalqet il-konċessjoni enfitewtika sa ma saru l-bidliet fil-liġi bid-dħul tal-artikolu 12A tal-Ordinanza wasslu biex ir-rikorrenti ġarrbet tabilħaqq ksur tal-jedd tagħha kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Din il-kostatazzjoni toħroġ ukoll mill-ewwel talba tagħha f'din il-kawża;

Illi, minbarra l-ksur ta' dak il-jedd, ir-rikorrenti ssejjes l-azzjoni tagħha wkoll fuq ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (kemm taħt il-Kostituzzjoni u wkoll taħt il-Konvenzjoni) u għall-jedd ta' rimedju effettiv u sħiħ (artikoli 13 u 41 tal-Konvenzjoni);

Illi 'dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti dwar il-**ksur allegat taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi fit-tifsira w l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha);

Illi bħalma bosta drabi ngħad, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: l-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat. Dwar it-tifsir xierqa ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġà[27] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[28]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi. Dan ukoll jgħodd fejn l-Istat ma jiħux ġid f'idejh imma, ukoll f'każ fejn jgħaddi liġijiet maħsuba biex jirregolaw l-użu u t-tgawdija ta' ġid bħal dak;

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjetà. Kemm hu hekk "*The English language text uses the word 'possession' to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word 'biens' in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporal and incorporeal interests, such as company shares and intellectual property. A cause of action that has unconditionally vested may qualify as an 'asset' constituting a 'possession'. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions. The essential characteristic is the acquired*

[27] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[28] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61

*economic value of the individual interest. Expectations do not generally have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions', although 'legitimate expectations' may be relevant in establishing that there are rights to be protected by Article 1 of the First Protocol*"[29];

Illi ta' min jgħid li l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jirreferi għall-interess pubbliku jew ġenerali, u mhux għall-iskop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jħoll u jorbot jekk għemil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali[30]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f'għemil partikolari joħroġx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*"[31];

Illi huwa stabbilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilità konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[32];

Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet tal-artikolu 1, *"there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner's right, the Court has been very cautious about accepting that a de facto deprivation of property qualifies as a 'deprivation' for the purposes of Article 1/2. De facto takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title.*"[33] Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[34];

Illi minbarra dan, kif ingħad aktar qabel, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem tibqa' l-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunità[35];

---

[29] Harris, O'Boyle, Bates & Buckley, Law of the European Convention, (2nd Edit), paġġ. 656 – 8
[30] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousù et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246)** (kawża dwar esproprju ta' post biex jintuża bħala banka tal-lottu
[31]Q.E.D.B **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik.Nru. 7151/75) §69
[32] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[33] Harris, O'Boyle, Bates & Buckley, *op cit.*, paġġ. 677 – 8
[34] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et***
[35] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Boniċi Ghaxaq vs L-Avukat Ġenerali et***

Illi, min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa ta' interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[36], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[37]. Madankollu, il-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[38];

Illi huwa aċċettat ukoll li s-setgħa mogħtija lill-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid ukoll għal għanijiet soċjali jew fl-interess pubbliku trid titwettaq b'mod proporzjonali mal-interessi tas-sid privat fit-tgawdija ta' ħwejġu[39]. Din il-proporzjonalità tinkiseb fis-sura ta' ħlas ta' kumpens xieraq u għalhekk jekk il-kumpens maħsub mil-liġi ma jkunx xieraq, jonqos l-element tal-proporzjonalità. Jekk jonqos dan l-element, ikun hemm ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija paċifika tal-ġid kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi huwa stabbilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalità taħt il-Konvenzjoni "*inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system*."[40]. Dan l-element tal-proporzjonalità kien kunsidrat b'reqqa mill-ogħla Qorti f'Malta f'għadd ta' każijiet u l-Qorti tqis li għandha taċċenna għalihom bla ma tidħol f'dettal ta' tismija mill-ġdid[41];

Illi l-qofol tal-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens li, kif ingħaraf bl-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali dwar l-appartament numru wieħed, l-istess ġiegħed jiġrilha dwar l-appartament miżmum mill-intimata Paċe Axiak. Hija tgħid li, ladarba, fil-każ tal-appartment l-ieħor, il-Qorti Kostituzzjonali sabet ksur, huwa minn ewl id-dinja li fil-każ ta' dan l-appartament din il-Qorti tasal għall-istess fehma, ladarba ċ-ċirkostanzi huma l-istess;

---

[36] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***

[37] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Grečja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87

[38] K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd. Edit, 2007) § IIB – 337 f'paġ. 501

[39] Q.E.D.B. *ibid.* §§ 56 u 58

[40] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3

[41] Ara Kost. **27.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Xerri et vs Avukat Michelle Tabone noe et*** , fost bosta oħrajn

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimat Avukat tal-Istat jisħaq li l-ewwel talba attriċi hija legalment insostenibbli peress li sentenzi dwar l-inkompatibilità tal-liġijiet mal-jeddijiet fundamentali jagħmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawża u ma ghandhomx effett *erga omnes*. Iżid jargumenta li kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tieghu u wieħed irid jagħraf minn każ għal każ. F'kull każ, l-intimata Paċe Axiak ma kenitx parti fil-kawża l-oħra li r-rikorrenti toqgħod fuqha;

Illi huwa minnu dak li jgħid l-intimat Avukat tal-Istat, fis-sens li jibqa' jgħodd il-prinċipju li "s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza"[42]. Dan ifisser li minkejja li s-sentenzi tal-Qrati tagħna għandhom is-saħħa ta' awtorità fuq ħwejjeġ oħrajn li jixxiebhu, jibqa' l-fatt li s-sentenza msemmija mir-rikorrenti għandu jkollha l-effett *inter partes*. Madankollu, xorta jibqa' l-ħtiega li jitqiesu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti fuq il-mertu tagħhom, ħalli b'hekk jista' jitqies jekk huwiex minnu li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12A tal-Ordinanza jiksirx il-jeddijiet fundamentali tagħha, hekk kif imħaddma fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, meta ddaħħlu l-bidliet fl-Ordinanza li żiedu l-artikolu 12A tagħha, il-leġislatur kien qiegħed jeżerċita setgħa mogħtija lilu mil-liġi u li biha l-ġid immobbli seta' jibqa' jitgawda minn min ikun jokkupah, minkejja li tkun intemmet il-konċessjoni sub-enfitewtika, b'titolu ta' kera. F'ċirkostanza bħal dik, il-kundizzjonijiet tal-kirja jekk maħluqa kienu stabbiliti mil-liġi wkoll, bħalma l-istess liġi stabbiliet liema kienu dawk iċ-ċirkostanzi li jridu jseħħu biex is-sid (direttarju) seta' jieħu l-ġid lura f'idejh. L-għan wara l-istess liġi kien wieħed leġittimu u fl-interess pubbliku, maħsub li jħares l-akkomodazzjoni fil-qasam soċjali, peress li dak iż-żmien kien inħass li teżisti qagħda li għadd konsiderevoli ta' persuni, li setghu kienu dgħajfa jew mingħajr meżżi biżżejjed, setgħu jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom. Għalhekk, l-għan tal-liġi kien bla dubju wieħed li jikkontrolla l-użu tal-ġid u dan fl-interess ġenerali;

Illi fid-dawl tat-tifsira mogħtija lill-artikolu wieħed tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, f'għadd ta' kazijiet kemm f'Malta, kif ukoll mill-Qorti fi Strasburgu, il-piż biex jintlaħaq dak l-għan, ma għandux jintefa' kollu fuq is-sid u dana b'ħarsien għall-prinċipju ta' proporzjonalità. Huwa stabbilit ukoll li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilità konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipoteżi ta'

[42] Art. 237 tal-Kap 12

bzonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna;

Illi, kif ingħad, fejn l-Istat joħloq sistema ta' "*forced landlord – tenant relationship for an indefinite time*", irid jiġi assigurat li lis-sid jingħata kumpens li mhux "*manifestly unreasonable*", kumpens li mhux tabilfors ikun indaqs dak li joffri s-suq, imma lanqas ma għandu jwassal li jagħti lis-sid "*only a minimal profit*"[43];

Illi jekk wieħed iħaddem il-prinċipji u l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt fuq imsemmija għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, għandu joħroġ li għandu jirriżulta li kieku ma daħalx fis-seħħ l-artikolu 12A tal-Ordinanza, l-intimata Paċe Axiak ma kienx ikollha ebda jedd tibqa' tgħix fl-appartament mertu tal-każ wara li għalqet il-konċessjoni sub-enfitewtika. Dan jingħad għaliex, qabel ma daħal fis-seħħ l-imsemmi artikolu tal-ligi, ż-żamma ta' ġid bħal dak ma kinitx imħarsa bid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza. Minkejja x-xhieda li tat l-intimata[44] u li ressqet[45] fis-sens serrħulhom moħħhom b'pariri legali li ħadd ma seta' jitfagħhom 'il barra wara li tagħlaq il-konċessjoni sub-enfitewtika, dan ma jidhirx li kien il-każ u li ma kienx għad-dħul fis-seħħ (b'effett retroattiv ukoll) tal-artikolu 12A tal-Ordinanza l-istorja kienet tintemm mod ieħor. Kien fuq is-saħħa ta' dik il-fehma li r-rikorrenti kienet fetħet kawżi kontra l-okkupanti tal-appartamenti tagħha, għall-iżgumbrament tagħhom minn dak il-ġid. Bid-dħul fis-seħħ tal-imsemmi artikolu, il-folja nqalbet għall-għarrieda u l-jeddijiet tar-rikorrenti li terġa' tieħu ħwejjiġha f'idejha taru mar-riħ. Fiż-żmien li daħal fis-seħħ l-artikolu 12A, il-kera tal-appartament kien ta' erba' mija u disgħin euro u sittin ċenteżmi (€490.60) fis-sena;

Illi fl-atti tal-kawża hemm stejjem li jirrigwardaw il-valur tal-appartament mertu tal-każ u kif ukoll il-valur li bih seta' jinkera. Stima magħmula minn perit imqabbad mir-rikorrenti *ex parte* f'Novembru tal-2008 tgħid li l-appartament kien stmat li jiswa mija u ħamsa u tletin elf ewro (€135,000)[46], filwaqt l-istess perit stima l-valur lokatizju tal-istess appartament għal madwar sitt elef u sitt mitt ewro (€6,600) fis-sena f'Lulju tal-2009. Minbarra dan, l-istima tal-perit tekniku mqabbad mill-Qorti fl-ewwel kawża li r-rikorrenti fetħet fl-2008, l-istima tal-post telgħet għal mija u ħamsa u sebgħġin elf ewro (€175,000) u b'valur lokatizju ta' sebat elef euro (€7,000) fis-sena[47]. Min-naħa l-oħra, stejjem maħruġin minn perit imqabbad *ex parte* mill-intimat Avukat tal-Istat[48] f'Ġunju tal-2015[49] jqiegħdu lill-appartament numru tnejn (2) li jiswa mija

[43] Q.E.D.B. **15.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Amato Gauċi vs Malta*** (Applik. Nru. 47045/06) §§ 61 – 3
[44] Affidavit tagħha Dok "JPA", f'paġġ. 176 – 7 tal-proċess
[45] Affidavit ta' Brian Bajada Dok "BB1", f'paġġ. 183 – 4 tal-proċess
[46] Dok "AB2", f'paġġ. 129 – 130 tal-proċess
[47] Dok "AB3", f'paġ. 136 tal-proċess
[48] Affidavit tal-A.I.Ċ. Paul Buħaġiar f'paġ. 140 tal-proċess
[49] Ara Dok "PB2", f'paġġ. 141 sa 164 tal-proċess

u wieħed u tmenin elf u sitt mitt euro (€181,600) b'valur lokatizju ta' ħamest elef euro (€5,000) fis-sena. Il-perit tekniku mqabbad minn din il-Qorti jagħti stima ta' mitejn u tmintax-il elf euro (€218,000) fi Frar tal-2017, b'valur lokatizju fis-sena ta' €4,273 fl-2002, ta' €6,714 fl-2007, ta' €7,020 fl-2012 u ta' €7,630 fl-2017[50];

Illi meta f'Ġunju tal-2002 għalqet il-konċessjoni sub-enfitewtika tal-appartament tal-intimata Paċe Axiak, is-*sub-canone* li kien jitħallas kien ta' erba' mija u wieħed u sebgħin ewro u tmintax-il ċenteżmi (€471.18) fis-sena għall-ewwel ħmistax-il (15) sena tal-kirja kif maħluqa bis-saħħa tal-artikolu 12A tal-Ordinanza. Jekk wieħed iqis l-istejjem li ssemmew qabel u li jinsabu fl-atti tal-kawża, wieħed minnufih jintebaħ li l-kera fis-sena li kellu jitħallas bil-liġi lanqas jilħaq wieħed minn għaxra ($^{1}/_{10}$) tal-valur lokatizju xieraq. Għalkemm huwa minnu li l-kumpens mhux bilfors ikun daqs kemm jagħti s-suq ħieles, dan lanqas ma għandu jfisser illi jista' leġittimament ikun hekk baxx illi ma jkollu l-ebda rabta mar-realtà ekonomika[51]. Fid-dawl ta' din il-kostatazzjoni, il-Qorti tasal għall-fehma illi joħroġ nuqqas qawwi ta' proporzjonalità bejn il-ħarsien li l-Istat qed jagħti lill-kerrej u d-dritt tas-sid għat-tgawdija effettiva ta' ġidha;

Illi l-intimat Avukat tal-Istat ressaq l-argument li l-liġi tindirizza tali sproproporzjonalità bil-fatt li, fl-2009, daħlu bidliet fil-liġi li bihom il-kera jogħla kull tliet (3) snin. Imma l-Qorti ma tistax tilqa' dak l-argument ladarba l-kirja nħalqet (ukoll jekk b'effett retrospettiv) fis-sena 2002 (jiġifieri, wara l-1 ta Gunju, 1995). Minbarra dan, għalkemm il-ħarsien tal-kirja taħt l-artikolu 12A tal-Ordinanza huwa wieħed għal żmien limitat u ma tistax tintiret, xorta waħda joħroġ li r-rikorrenti bħala sidt l-appartament, fit-tgawdija leġittima ta' ġidha, mhux qed tieħu l-frott raġonevolment mistenni, jekk wieħed iqis iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fejn l-Istat qiegħed jgħaddi liġijiet maħsuba biex iħares l-akkomodazzjoni għal persuni li għalihom tgħodd dik il-ligi. Għalhekk, minn dan isegwi li, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, tonqos għal kollox il-proporzjonalità mistennija bejn l-interessi tar-rikorrenti bħala sidt l-appartament u dawk tal-intimata fit-tqassim xieraq ta' piżijiet u benefiċċji li jrid l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tirrileva, madankollu, li l-intimat Avukat tal-Istat għandu raġun josserva li sa ma ddaħħal fis-seħħ l-artikolu 12A tal-Ordinanza, ir-rikorrenti setgħet u kellha għodda fejjieda biex terġa' tieħu lura mingħand il-miżżewġin Paċe Axiak hekk kif għalqet il-konċessjoni sub-enfitewtika. Huwa minnu li l-artikolu 12A ingħata effetti b'lura għad-data meta tkun intemmet il-konċessjoni: iżda dak l-effett retroattiv kien jgħodd jekk kemm-il darba l-okkupant ikun baqa' jżomm il-post bħala d-dar fejn joqgħod dakinhar li l-liġi ġiet

[50] Rapport f'paġ. 231 tal-proċess
[51] Kost. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Cedric Mifsud noe vs L-Avukat Ġenerali***

fis-seħħ. Għalhekk, huwa minnu li ladarba l-ilment ewlieni tar-rikorrenti ġej mit-tħaddim tal-artikolu 12A, dak il-ksur seħħ biss minn meta l-artikolu msemmi daħal fis-seħħ, għaliex qabel dakinhar ir-rikorrenti kellha kull jedd li tqis li l-intimati Paċe Axiak kienu qegħdin iżommu l-appartament bla ebda jedd. Il-fatt li fetħet kawża għat-tneħħija tagħhom mill-post jixhed dan ukoll[52];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li b'seħħ mill-2007 ir-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġha kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u għaldaqstant **l-ewwel talba** tagħha hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti tippreċiża li dan jgħodd ukoll safejn it-talba tar-rikorrenti hija limitata għall-għoti ta' dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni bejn l-2012 sal-lum. Għaliex, kif sewwa jgħid l-intimat Avukat tal-Istat, din il-qorti ma tistax tiddeċiedi tali ksur dwar x'jista' jiġri fil-ġejjieni. Wara kollox, minħabba li fil-mori tal-kawża l-intimata Paċe Axiak mietet u ma kien hemm ħadd minn qrabatha jgħixu magħha fl-imsemmi appartament, il-Qorti qiegħda tifhem li l-ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti fuq ġidha ntemm mal-mewt tal-intimata msemmija u minn dak iż-żmien 'il quddiem intemm ukoll l-istat ta' ħsara li kienet qiegħda ġġarrab minħabba fil-kirja maħluqa bl-artikolu 12A tal-Ordinanza;

Illi **fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' talbiet** tagħha r-rikorrenti tilmenta li ġarrbet ksur tal-jedd imħares mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u dan kemm minħabba li l-Istat naqas li jagħtiha rimedju xieraq wara l-għoti tas-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali u kif ukoll minħabba t-teħid tat-tgawdija tagħha tal-appartament bla ma ngħatat kumpens xieraq;

Illi, fil-parti rilevanti tiegħu għal dan il-każ, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jgħid:

*"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*

[52] Ara Kost. **8.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela Balzan vs L-Onor. Prim'Ministru et*** §§ 31 – 3

*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....";*

Illi jidher li għall-finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, element siewi u ewlieni li jrid jirriżulta biex wieħed isib ksur tal-jedd imħares taħtu hu dak li t-teħid tal-pussess tal-ħaġa jkun sar b'mod obbligatorju, jiġifieri kontra r-rieda ta' sid il-ħaġa. Din il-Qorti hija tal-fehma li, skond l-aħħar tifsir li ngħata mill-Qrati tagħna dwar il-parametri li fihom jista' jirriżulta ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma huwiex aktar il-każ li wieħed iqisu biss mil-lenti dejqa tat-teħid għal kollox tal-ġid li jkun: huwa biżżejjed biex jirriżulta ksur tal-imsemmi artikolu fejn jirriżulta li jkun hemm "limitazzjoni tant sostanzjali li fil-prattika tirrendihom kompletament privi mid-dritt ta' tgawdija tal-istess proprjetà"[53];

Illi f'ċirkostanzi bħal fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, jista' jingħad li l-kirja li nħalqet bil-liġi dwar il-post tar-rikorrenti kienet tabilħaqq għamla ta' teħid ta' pussess obbligatorju kif maħsub fl-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi li dwarhom ir-rikorrenti tilmenta jammontaw għal forma ta' kontroll fuq il-mod kif jista' jinqeda bi ħwejġu u wkoll b'liema kundizzjonijiet titmexxa l-kirja, għalhekk bla dubju għal forma ta' kontroll fuq l-użu min-naħa tagħha ta' dik l-istess proprjetà[54]. Minbarra dan, mhuwiex eskluż li xi dispożizzjonijiet tal-Kap 158 jistgħu fis-sewwa jwasslu għal ċirkostanzi li jnisslu ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni[55];

Illi minbarra dan, id-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12A tal-Ordinanza ġara wara li ntemmet il-konċessjoni sub-enfitewtika u qabel ma r-rikorrenti laħqet temmet b'suċċess il-proċeduri biex terġa' tieħu l-appartament f'idejha. Bid-dħul tal-liġi, madankollu, ir-rikorrenti baqgħet sid tal-appartament, minkejja li ma setgħetx tibqa' tinqeda bih kif trid. Iżda wkoll f'każijiet bħal dawn, fuq is-saħħa ta' deċiżjoni mogħtija mill-Q.E.D.B.[56], jidher li "meta r-rikorrent ikun akkwista l-fond in kwistjoni wara l-emendi li seħħew permezz tal-Att XXIII tal-1979, dan ma jistax jitqies li rrinunzja għad-dritt tiegħu li jistabilixxi l-kera dovuta skond id-diskrezzjoni tiegħu"[57];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha t-teħid tal-pussess tal-appartament sar b'mod obbligatorju fuq is-sid għaliex il-kirja fuq ġidha nħalqet permezz tal-liġi tal-2007 u għalhekk saret kontra r-rieda tagħha. Ċertament ma

---

[53] Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et***

[54] Ara P.A. Kost VDG **8.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru et***

[55] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Busuttil vs Tabib John Cassar et***

[56] Q.E.D.B. **30.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Malta*** (Applik. Nru. 50570/13) §46

[57] Kost. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Alessandra Radmilli vs Joseph Ellul et*** §§16 – 7; u Kost **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Gabriella Manġion et vs Avukat Ġenerali et*** §25

jistax jingħad li dik il-kirja hija riżultat ta' ftehim bejn is-sid u l-okkupant: għall-kuntrarju, ir-rikorrenti saħqet li hija qatt ma aċċettat ħlas wara li għalqet il-konċessjoni enfitewtika. Għalhekk, għalkemm f'dan il-każ wieħed ma jistax jitkellem dwar esproprjazzjoni, il-kera kienet imposta fuq ir-rikorrenti, li ma ngħatat ebda għażla. Minbarra dan, il-konsiderazzjonijiet li saru qabel dwar in-nuqqas ta' kumpens xieraq, li kellu jingħata lir-rikorrenti fil-għamla ta' kera stabbilit b'mod riġidu mil-ligi, meta mqabbel ma' dak li setgħet iġġib fis-suq li kieku l-appartament kien f'idejha, għandhom jgħoddu meta jitqies l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali taħt dan l-artikolu wkoll;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u tal-iżviluppi fit-tifsir tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ssib li l-ilment tar-rikorrenti huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa';

Illi r-rikorrenti ressqet ilment li ġarrbet **ksur tal-jedd tagħha għal rimedju effettiv** kif maħsub fl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Dak l-artikolu jgħid: "*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.*";

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jisħaq li safejn l-ilment tar-rikorrenti jissejjes fuq dak l-artikolu, ma jistax irieġi għaliex din il-kawża nnifisha hija għodda li għandha s-saħħa li tagħti r-rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li tabilħaqq ġarrbet ksur tal-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni. Iżid jgħid li l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jeħtieġx xi proċedura partikolari ta' kif jingħata rimedju, iżda li fuq livell nazzjonali jkun jeżisti rimedju effettiv biexjaġġmel tajjeb għal sejbien ta' ksur ta' xi jedd konvenzjonali;

Illi huwa prinċipju aċċettat illi l-artikolu 13 huwa wieħed ta' natura anċillari billi "*Article 13 cannot be invoked independently from, but only in conjunction with, one or more of the substantive rights and freedoms of the Convention*"[58]. Din il-Qorti taqbel mal-fehma tal-intimat li l-artikolu 13 jitlob l-eżistenza ta' rimedju effettiv fuq livell nazzjonali li jwassal għall-ħarsien effettiv tal-jeddijiet maħsuba fil-Konvenzjoni u li jkun jista' jitqies l-ilment tal-ksur tal-jedd konvenzjonali fil-mertu tiegħu u kif ukoll li jingħata rimedju effettiv f'każ ta' sejbien ta' ksur bħal dak. Dan ma jfissirx li r-rimedju mogħti jiggarantixxi ta' bilfors is-suċċess jew l-eżitu favorevoli garantit lil min iqajjem l-ilment, iżda li jkun wieħed li jista' jintlaħaq bla taħbit kbir u bil-mezzi xierqa disponibbli lill-persuna fil-qafas tas-sistema ġudizzjarju jew amministrattiv nazzjonali;

[58] Van Dijk, Van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. Cit*, (4th Edition, 2006), paġ. 998

Illi għalhekk, safejn bis-saħħa tal-kawża tallum instab li r-rikorrenti ġarrbet ksur tad-drittijiet konvenzjonali tagħha, isegwi wkoll li jixraq li hija tingħata rimedju effettiv, kif ser jiġi mistħarreġ aktar 'il quddiem, u għalhekk ma toħroġx il-ħtieġa li din il-Qorti tqis aktar dan l-ilment f'dan l-istadju;

Illi fit-**tielet talba** tagħha, ir-rikorrenti tgħid li ġarrbet ukoll ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi fil-parti rilevanti tiegħu ggħal din il-kawża, l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jrid li:

"*Kull Qorti jew Awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*";

Illi huwa ritenut li dan is-sub-artikolu jirreferi għal proċeduri quddiem "*Qorti jew awtorità oħra ġudikanti*" li jkunu diġà "mibdija" u ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn ikun hemm dewmien f'dak li għandhom jiġu meqjusa bħala atti amministrattivi jew leġislattivi, bħalma hu l-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum. F'ċirkostanzi bħal din li r-rikorrenti tgħid li l-intimat naqas milli jipprovdilha rimedju effettiv sabiex hija tkun tista' tivvanta l-pretensjonijiet tagħha għall-kumpens ma jitiqesx li jkun daħal fis-seħħ it-tħaddim tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni "billi dan l-artikolu jipprospetta sitwazzjoni fejn il-proceduri quddiem Qorti jkunu gia mibdija"[59];

Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fil-parti rilevanti tiegħu għal dan il-każ jgħid:

"*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu ... kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.*";

Illi minn eżami ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-kwalifika li sabiex jiskatta l-obbligu li l-proċeduri jintemmu fi żmien raġonevoli, dawk il-proċeduri jkunu "mibdija", kif mahsub taht il-Kostituzzjoni, ma tirrikorrix fil-każ tal-artikolu tal-Konvenzjoni in eżami. Fil-fatt, ingħad li għall-finijiet ta' dak l-artikolu, biex jiġi stabbilit jekk il-proċeduri għad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili jkunux ħadu "żmien raġonevoli", id-data li minnha jibda

[59] Kost. **26.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***John Curmi vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et***

jitqies iż-żmien mhix tabilfors id-data li fiha jkunu nbdew il-proċeduri rilevanti[60]. F'wieħed mill-każijiet li kien jirrigwarda lil Malta, il-Q.E.D.B. qalet li: "*abnormally lengthy delays in the payment of compensation for exproprітation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see Akkus v Turkey, 9 July 1997 para.29/} The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. [see Aka v Turkey, 23 September 1988 para.49..]*"[61];

Illi jekk wieħed iqis dawn il-kunsiderazzjonijiet u jqabbilhom maċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, għandu joħroġ li ladarba r-rabta kuntrattwali ta' kera impost fuq ir-rikorrenti mad-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12A tal-Ordinanza seħħet fl-2007, kien jaqa' fuq l-istess tikorrenti li tieħu l-passi meħtieġa li jew tattakka l-liġi jew tikkontesta t-tħaddim tagħha, kif qieghda tagħmel f'din il-kawża. Għalkemm huwa minnu li hija nediet proċeduri bħal dawk tallum fir-rigward ta' wieħed mill-appartamenti fl-istess binja, jidher li (kif joħroġ mill-ewwel talba tagħha f'din il-kawża) kienet qiegħda tittama li l-Gvern kien ser jieħu l-passi meħtieġa sabiex jindirizza l-problema impost fuqha bl-istess liġi li hija attakkat, fir-rigward tal-appartamenti l-oħrajn tagħha li wkoll intlaqtu bl-istess liġi. Iżda ladarba l-Gvern ma weriex li kien lest li jasal għal ftehim fuq il-kwistjoni, kien jaqa' fuq ir-rikorrenti sabiex tibda bla dewmien il-proċeduri tallum u mhux tibqa' titnikker bit-tma li l-qagħda tinbidel. Ir-rikorrenti ma kellha l-ebda xkiel biex tniedi proċeduri quddiem qorti u ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-qagħda li sabet fiha kienet ċaħħditha mill-jedd ta' aċċess għal qorti;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li, safejn ir-rikorrenti tilmenta minn ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, dan l-ilment mhux mistħoqq u la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

Illi r-rikorrenti ressqet **talba għall-għoti ta' sodisfazzjon xieraq**. Dan huwa jedd imħares bl-artikolu 41 tal-Konvenzjoni li jgħid:

"*Jekk il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Konvenzjoni jew tal-Protokolli tagħha, u jekk il-liġi interna tal-Parti Għolja Kontraenti kkonċernata tippermetti biss riparazzjoni parzjali, il-Qorti għandha tagħti s-soddisfazzjon xieraq lill-parti leża jekk ikun neċessarju*";

Illi għalkemm il-Konvenzjoni u l-Protokolli magħmula taħtha huma parti mil-liġi ta' Malta safejn jagħmlu mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni ma ġiex hekk inkorporat. Dan ifisser li

[60] Kost. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et***
[61] Q.E.D.B. **9.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Deguara Caruana Gatto vs Malta*** (Applik. Nru. 14796/11)

dak l-artikolu huwa indirizzat lill-Q.E.D.B u mhux lill-qrati nazzjonali u għalhekk safejn it-talbiet tar-rikorrenti tressqu "ai termini taI-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea", dawn saru ħażin[62]. Il-kumpens jitħallas mhux bis-saħħa tal-art. 41 tal-Konvenzjoni, kif qed tippretendi r-rikorrenti, billi dik id-disposizzjoni ma tgħoddx għall-qorti nazzjonali. Il-kumpens jitħallas bis-saħħa ta' ordni tal-qorti mogħti taħt l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea[63];

Illi dan ma jfissirx illi ma għandu jingħata ebda rimedju għall-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti. Wara kollox, l-istess rikorrenti talbet ukoll kumpens u li tingħata r-rimedji kollha oħra xierqa u effettivi, magħdud id-dikjarazzjoni li l-liġi (l-artikolu 12A tal-Ordinanza) ma tiswiex jew ma għandhiex ikollha effett u kif ukoll it-tneħħija tal-intimata Paċe Axiak mill-post. Dawn it-talbiet se jitqiesu 'l quddiem meta l-Qorti tqis l-aħħar tliet talbiet attriċi. Imma dawk il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu li qegħdin isiru taħt is-saħħa tal-artikolu 41 tal-Kkonvenzjoni;

Illi għalhekk, safejn it-talbiet tar-rikorrenti jissejsu fuq dan l-artikolu tal-Konvenzjoni, ma jistgħux jintalqgħu;

Illi jifdal li l-Qorti tqis is-**sitt talba attriċi**. Din tirrigwarda l-likwidazzjoni u l-għoti ta' kumpens xieraq. Il-Qorti tqis li din it-talba hija l-effett naturali tas-sejbien tal-ksur tal-jedd invokat. Huwa miżmum li, ladarba qorti ssib li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma huwiex biżżejjed li tieqaf b'sempliċi dikjarazzjoni bħal dik. Għalkemm ir-rimedju xieraq mhuwiex lanqas u tabilfors il-kundanna ta' ħlas ta' kumpens bħal li kieku l-ħaġa li dwarha seħħ il-ksur kienet inbiegħet, xi għamla ta' kumpens huwa mistħoqq u doveruż u tali kumpens iridu ikun wieħed biżżejjed biex imewwet il-ħsara li tkun iġġarrbet bil-ksur ilmentat tal-jedd fundamentali. Hawn ukoll, il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li l-ksur imġarrab mir-rikorrenti jikkonsisti f'indħil dwar u mhux f'teħid tal-ġid tagħha;

Illi huwa llum stabilit li r-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunità mitlufa[64]. Biex tasal għal dan, il-Qorti jeħtiġilha tqis għadd ta' fatturi, fosthom it-telf effettiv li jkun ġarrab is-sid, l-għan soċjali maħsub mil-liġi, il-grad ta' sproporzjon fit-tqabbil bejn id-dħul attwali li qiegħed jirċievi r-rikorrent mad-dħul li jista' jinkiseb fis-suq ħieles, id-danni materjali li l-parti rikorrenti tista' tipprova li ġarrbet u wkoll l-effetti tal-ordni li l-Qorti tista' tagħti dwar jekk l-okkupant jistax jibqa' jistrieħ aktar fuq it-tħaddim tal-liġi attakkata. Minn kif

[62] Kost. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella et vs Avukat Ġenerali et***
[63] **Kost 8.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Debono et vs L-Avukat Ġenerali*** et § 37
[64] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Cassar et vs Onor. Prim Ministru et***

wieħed jista' jara, dawn il-kriterji huma firxa sħiħa li trid titqies f'kull każ għalih u jiddependu ħafna miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ[65];

Illi dwar il-kumpens dovut lir-rikorrenti, madankollu, tqum konsiderazzjoni oħra. Għalkemm ir-rikorrenti ħarrket ukoll lill-intimata Paċe Axiak, iżda dan ma jfissirx li kellha tkun l-istess intimata li trid tħallas lir-rikorrenti l-kumpens li sejjer jingħata jew li tagħmel tajjeb għall-għażla li kienet tagħtiha l-liġi u talli nqdiet biha hi u żewġha. Kumpens bħal dak għandu jbatih biss l-Istat minħabba li l-ksur li qed iġġarrab ir-rikorrenti huwa l-effett dirett tal-liġi li ddaħħlet bl-Att XVIII tal-2007, u kif ukoll tan-nuqqas tal-istess Stat li jibdel il-liġi biex taħlaq il-bilanċ meħtieġ bejn is-sidien u l-okkupanti ta' postijiet ta' abitazzjoni fir-rabtiet kuntrattwali ta' bejniethom. L-intimata Paċe Axiak u żewġha nqdew b'liġi li tathom jeddijiet fuq ġid ta' ħaddieħor, iżda ma għamlu xejn biex jiksbu dan il-jedd b'mod illegali. Fid-dawl tal-massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, l-Qorti ma tistax issib li l-intimata PAċe Axiak trid tagħmel tajjeb hija wkoll għall-ħlas tal-kumpens lir-rikorrenti minħabba s-sejbien ta' ksur tal-jedd fundamentali tagħha. Din il-fehma tinbena wkoll fuq il-fatt li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda liġi li jagħmilha l-Istat u mhux iċ-ċittadin li, min-naħa tiegħu, għandu jedd jinqeda biha fil-parametri tagħha u safejn din ma titqiesx li qiegħda tikser il-jedd fundamentali tas-sid;

Illi kif inhu miżmum u mgħallem *"fil-każ ta' liġi leżiva tad-drittijiet konvenzjonali jew kostituzzjonali, huwa l-Istat u mhux iċ-ċittadin li għandu jirrispondi. Għax huwa prinċipalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tal-inkwilin, li jassigura li d-drittijiet fundamentali tas-sid ma jinkisrux"*[66];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-telf effettiv li ġarrbet ir-rikorrenti huwa bla dubju wieħed mill-kejl ewlieni u rilevanti għal-likwidazzjoni tal-kumpens xieraq lilha dovut għall-ksur tal-jedd li ġarrbet, iżda ma huwiex il-kriterju waħdieni u determinanti. Din il-qorti ma tistax ma tqisx ukoll l-inerzja min-naħa tal-Gvern, li baqa' jkaxkar għal żmien twil sabiex b'intervent leġislattiv jirrimedja s-sitwazzjoni. Għalhekk kriterji meqjusa rilevanti huma, l-fatt li r-rikorrenti ilha mill-2002 ma tieħu kumpens xieraq għall-użu li kien qed isir mill-appartament min-naħa tal-intimata Paċe Axiak, l-għan soċjali li kellha tilħaq il-liġi, in-nuqqas tal-Gvern li jaġixxi permezz tal-leġislazzjoni opportuna sabiex jikseb bilanċ xieraq bejn il-jeddijiet tas-sidien u dawk tal-persuni li kellhom bżonn il-ħarsien;

Illi meta wieħed iqis ukoll li l-intimata mietet waqt is-smigħ tal-kawża, dan ifisser li l-ksur li kienet qiegħda ġġarrab ir-rikorrenti kellu jintemm

---

[65] Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mattei et vs Awtorità tad-Djar et*** §§ 12 u 35 – 7;u Kost. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Alessandra Radmilli vs Joseph Ellul et*** §§ 36 sa 44

[66] Kost. **24.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Apap Bologna vs Kalċidon Ċiantar et***; u Kost. **6.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Sean Bradshaw et vs L-Avukat Ġenerali et***

mal-waqt tal-mewt tal-intimata. Kif ingħad qabel, il-perit tekniku maħtur mill-Qorti ta tagħrif u stimi meqjusa tal-valur lokatizju tal-fond. Wieġeb ukoll b'mod li ċċara l-kunsiderazzjonijiet peritali tiegħu meta tressaq mill-intimat Avukat tal-Istat bħala xhud tiegħu in eskussjoni. Meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-provi mressqa u jħaddem dwarhom ir-regoli li dawn il-qrati minn żmien għal żmien inqdew bihom f'każi li jixxiebhu[67], il-Qorti ssib li jkun xieraq li jitħallas kumpens lir-rikorrenti fis-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000) biex ikopri kemm il-kumpens pekunjarju minħabba t-telf imġarrab minħabba l-kera dovut u kif ukoll bħala kumpens mhux pekunjarju marbut mal-ksur tal-jedd invokat;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tmien talba attriċi** l-Qorti ssib li, wkoll minħabba li l-intimata Paċe Axiak mietet matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża u kull jedd li seta' kellha fuq l-appartament minħabba l-artikolu 12A miet magħha, ma jidhirx li hemm xi provvedimenti oħrajn li hija għandha tagħti jew xi rimedji oħrajn li tista' tipprovdi lir-rikorrenti lil hinn minn dawk li qieset taħt it-talbiet ta' qabilha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati Onorevoli Prim'Ministru u Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali billi ssib li ma humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi, u b'hekk teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-intimata Joan Paċe Axiak u ssib li hija kellha tkun fl-atti tal-kawża mressqa mir-rikorrenti;

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti u ssib li, bit-tħaddim tal-artikolu 12A tal-Ordinanza rigward il-ġid tagħha, jiġifieri l-appartament li jġib in-numru tnejn (2) fil-binja "*St Julian Court*", fi Triq Manwel Dimech, f'San Ġiljan, hija ġarrbet u qiegħda ġġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha kif imħarsin bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

**Tilqa' t-tieni talba** tar-rikorrenti u ssib li n-nuqqas ta' ħlas lilha ta' kumpens xieraq għaċ-ċaħda tagħha tal-interessi fi ħwejjiġha ġabilha wkoll ksur tal-jedd tagħha kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

**Tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet** tar-rikorrenti safejn jirrigwardaw il-ksur tal-jedd tar-rikorrenti dwar smigħ xieraq jew dwar il-jedd

[67] Ara b'eżempju Kost. **6.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Patricia Curmi vs. Miriam Pace et.*** §§ 43 – 7 u Kost. **8.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela Balzan vs L-Onor. Prim'Ministru et*** §§ 57 – 9

tagħha għal soddisfazzjon sħiħ taħt l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni billi mhux mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa' s-sitt talba** tar-rikorrenti u tillikwida l-kumpens dovut lilha mill-intimat Avukat tal-Istat fis-somma ta' ħamsin elf euro (€50,000), bħala kumpens pekunjarju għat-telf ta' dħul ta' kera u kumpens mhux pekunjarju għall-ksur minnha mġarrab tal-jeddijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija ta' ġidha u t-telf ta' kumpens għat-teħid tal-interessi tagħha fl-imsemmi ġid;

**Tilqa' s-seba' talba** tar-rikorrenti u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallasha s-somma ta' ħamsin elf euro (€50,000) hekk likwidata;

**Tipprovdi dwar it-tmien talba** billi tgħid li, safejn ir-rikorrenti riedet it-tneħħija tal-intimata Paċe Axiak mill-fond mertu tal-każ, il-mertu jinsab eżawrit; filwaqt li dwar l-għoti ta' rimedji oħrajn il-Qorti tgħid li ma hemm l-ebda rimedji oħra li jistgħu jingħataw fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ; u

**Tordna** li, filwaqt li r-rikorrenti tħallas **l-ispejjeż** marbuta mal-intimati Onorevoli Prim'Ministru u Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Interna u dawk dwar it-talbiet tagħha li ma ntlaqgħux, l-Avukat tal-Istat iħallas il-**bqija tal-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**15 ta' Frar, 2022**